MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 152/2013

**Therese Elaine Bailey**

**Vs**

**Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tar-rikorrenti **Therese Elaine Bailey** ipprezentat fid-9 ta' Settembru 2013 fejn gie premess is-segwenti:-

*"Illi l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti;*

1. *Illi l-esponenti hija proprjetarja ta' karozza ta' l-ghamla Opel Vectra, registrata b'number plates Francizi numru 3818 TM 81, liema karozza hija akkwistat fit-3 ta' Awwissu 2005.*

2. *Illi l-esponenti hija ta' nazzjonalita Ingliza u ghexet hajjitha kollha l-Ingilterra sa zmien sebgha snin ilu. Illi sebgha snin ilu ossija fis-sena 2006 l-esponenti kienet marret tirrisjedi gewwa Franza fil-belt ta' Tarn. Illi hija baqghet tghix fi Franza b'mod interrott sa' Lulju 2012, ossija sakemm hi giet tghix hawn Malta.*

3. *Illi l-karozza in kwistjoni kienet originarjament akkwistata gewwa l-Ingilterra u b'dan kien registrata l-Ingilterra, u sussegwentament l-esponenti meta marret tirrisjedi gewwa Franza kienet irregistrat il-karozza in kwistjoni fi Franza, ghalkemm sentejn wara li din biddlet ir-residenza taghha, u dan stante illi gia la darba Franza huwa pajjiz membru ta' l-Unjoni Ewropjea u huwa pajjiz fix-Shengen, bhal ma hu Malta, ma kien hemm l-ebda bzonn illi l-karozza tigi registrata fl-imsemmi pajjiz.*

4. *Illi l-esponenti dejjem hallset it-taxxi kollha kemm fi Franza kif ukoll l-Ingilterra konessi mal-karozza in kwistjoni.*

5. *Illi f'Lulju 2012 l-esponenti kienet giet tghix hawn Malta u dan minghajr l-intenzjoni illi hija titrasferixxi ir-residenza taghha hawnhekk.*

6. *Illi ma dana kollu wara ftit zmien hija biddlet femtha u effetivament inghata lilha id-permess ta' residenza f'Awwissu 2012, tant li fis -6 ta' Awwissu 2012 inhargitilha il-karta ta' l-identita appozita.*

7. *Illi ghalhekk gia al darba hija saret residenti Maltija l-esponenti iddecidiet illi tirregistra il-karozza taghha gewwa Malta.*

8. *Illi hija kienet giet informata mill-clerk prezenti fi hdan id-dipartiment tat-Transport Malta illi hija kellha tirregistra il-vettura taghha fi zmien 6 xhur minn meta il-vettura kienet giet Malta, u dan meta kienet marret sabiex tigbor l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tal-karozza u ghall-ezenjoni mit-taxxa.*

9. *Illi l-esponenti ghalhekk applikat sabiex tkun ezentata mit-taxxa ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta imma ma dana kollu permezz ta' decizzjoni mehuda fil-21 ta' Awwissu 2013, hija giet infurmata illi l-applikazzjoni taghha kienet giet michuda u dan ai termini tal-Artikolu 4(3)(e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01*

10. *Illi l-esponenti thossha aggravata b'din id-decizjoni hija sokkombenti u qeghda tinterponi dan l-appell minnha. Illi l-aggravju ta' l-esponenti jikkonsisti primarjament fil-fatt illi d-decizjoni mehuda mill-konvenut tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Free Movement of Goods and Persons, kif ukoll imur kontra r-regolamenti tax-Shengen, u dan gia la darba bhala cittadina ta' l-Unjoni Ewropeja l-esponenti diga hallset it-taxxa dovuta ghar-registrazzjoni tal-karozza meta hija xtrat il-karozza originarjament gewwa l-Ingilterra u ghalhekk gia la darba il-karozza dejjem baqghet fil-pussess taghha hija m'ghandiex terga thallas taxxa doppja fuq il-karozza imma ghandha tgawdiha gewwa Malta bl-istess mod kif hija qeghda tgawdi hwejjeg tagha ohra.*

11. *Illi l-esponenti thossha aggravata ukoll bil-fatt illi ai termini tar-Regolamenti tax-Shengen liema regolamentii huma ibbazati fuq il-kuncett ta' Free Movement of Goods and Persons, l-esponenti kellha kull dritt illi tigi tirrisjedi Malta u iggib maghha l-effetti personali taghha kollha minghajr il-htiega illi dina thallas xi taxxa zejda u dan sabiex jigi rispettat il-kuncett Ewropew baziku illi gia al darba persuna tkun qeghda f'pajjiz membru hija tkun tista timxi minn pajjiz ghall-iehor bl-aktar mod liberu u tbiddel ir-residenza minn pajjiz ghall-iehor minghajr xkiel, u minghajr ebda burokrazija u hlas ta' taxxi adizzjonali li tkun diga thallset fil-pajjiz ta' l-origini kemm ghaliha personali kif ukoll fuq l-ogetti taghha inkluz il-karozza in kwistjoni*

12. *Illi ghalhekk gia la darba l-esponenti gahndha id-dritt illi tirrisjedi hawn Malta bla xkiel, hija m'ghandiex tkun imfixxkla mit-tgawdija ta' hwejjigha, fosthom il-karozza, gia la darba hija hallset it-taxxa kollha dovuta fuq il-karozza meta giet akkwistata originarjament gewwa l-Ingilterra, ossija pajjiz membru iehor, u b'dan ma hemm l-ebda differenza bejn il-karozza u nghidu ahna l-ghamara jew il-hwejjeg li hija gabet maghha.*

13. *Illi apparti minn hekk l-esponenti thossha aggravata minhabba l-fatt illi hija kienet inghatat informazzjoni illi hija kellha zmien 6 xhur minn meta il-karozza wasslet Malta sabiex din tirregistraha u dan sabiex tkun elegibbli ghall-ezenzjoni in kwistjoni. Illi tant hu hekk illi xhur wara l-esponenti baqghet tibghat dokumentazzjoni u informazzjoni lid-Dipartiment ta' Transport Malta, fejn dawn kieku taw lill-esponenti l-informazzjoni koretta, kienu jinfurmawha illi z-zmien ghall-prezentata ta' l-applikazzjoni kien skada.*

14. *Illi huwa redikolu illi l-intimati jistennew illi persuna barranija ta' nazzjonalita ta' pajjiz membru ta' l-Unjoni Ewropeja illi thallas taxxa ghar-registrazzjoni fuq vettura li ilha proprjeta taghha ben 8 snin, u dan kontra l-principju ancillari ta' Free Movement of Goods and Persons kif ukoll kontra regolamenti tax-Shengen. Apparti minn hekk huwa redikolu illi d-Dipartiment ta' Transport Malta jinforma hazin lill-esponenti u fl-istess waqt jigi pretiz illi fi zmien 30 gurnata minn meta il-karozza tasal Malta, ossija fi zmien meta l-esponenti lanqas biss kienet ghada gabet ir-residenza, illi issir applikazzjoni ghar-registrazzjoni u ezenzjoni tat-taxxa li diga thallset f'pajjiz membru iehor, specjalment fid-dawl tal-fatt illi tali taxxa hija wahda abbusiva, illegali u li tmur kontra d-disposizzjoni ta' Ligijiet ta' l-Unjoni Ewropeja li kif inhu maghruf, jissoprasjedu l-Ligijiet municipali li jkunu inkonsistenti maghhom.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghda jitlob lill-dan l-Onorabbli Tribunal sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrlu xierqa u opportuna jiddikjara illi l-esponenti hija elegibbli sabiex tibbenefika mill-ezenzjoni ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap 368 tal-ligijiet ta' Malta u tordna lill-intimat sabiex jacetta l-aplikazzjoni ta' l-esponenti ghall-ezenzjoni mill-imsemmija taxxa."*

Ra r-risposta tal-**Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment** ipprezentata fis-16 ta' Ottubru 2013 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"Jesponi bir-rispett:*

(1) *Illi ai termini tar-Regolament 4(3) tal-LN 6 tas-sena 2012, sabiex ir-rikorrenti setghet tikkwalifika ghal ezenzjoni mill-hlas ta' registrazzjoni tal-vettura taghha, hi kellha tissottometti l-applikazzjoni taghha fil-perijodu ta' tletin gurnata minn meta l-imsemmija vettura dahlet f'Malta;*

(2) *Illi jirrizulta mill-applikazzjoni ssottomessa mir-rikorrenti ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' registrazzjoni tal-vettura, li ma kienetx datata u li wara mistoqsija mill-ufficjal tal-esponent dwar l-istess nuqqas, ir-rikorrenti iddikjaratha bhala 'madwar l-1 t'Ottubru 2012', li l-vettura tal-marka Opel Vectra bin-numru ta' registrazzjoni Franciz 3818 TM 81 dahlet f'Malta fit-12 ta' Lulju 2012;*

(3) *Illi ghalhekk, l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet michuda stante li hi ma issodisfatx il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi Regolament;*

(4) *Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad it-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Sema' bil-gurament lil Philip Bailey[1] u lil Herald Bonnici.[2]

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrentiipprezentata fid-9 ta' Settembru 2014;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ministru intimat ipprezentata fit-28 ta' Ottubru 2014;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

---

[1] Xhieda minn fol. 22 A sa fol. 22 G
[2] Xhieda minn fol. 27 sa fol. 31 u minn fol.  33 sa fol. 37

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti intavolat dan ir-rikors stante li hassitha aggravata b'decizjoni tat-*Transfer of Residence Exemption Board* fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment datata 21 ta' Awissu 2103 fejn gie komunikat lilha li l-applikazzjoni taghha ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura taghha kienet qieghdha tigi rifjutata ghas-segwenti raguni u cioe:-

*"Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4 (3) (e) "if the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is made by the person transferring his residence within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta."*[3]

Illi mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti jirrizulta illi d-data mnizzla minnha stess dwar meta l-vettura dahlet f'Malta hija dik tat-12 ta' Lulju 2012. Minn korrispondenza sussegwenti mal-Ministeru tal-Finanzi jirrizulta illi l-applikazzjoni giet sottomessa madwar l-1 ta' Ottubru 2012.[4] Din il-kjarifika intalbet peress li fl-applikazzjoni r-rikorrenti ma nizzlitx id-data meta issottomettiet l-istess applikazzjoni.

Illi ghalhekk il-Ministru intimat qieghed jishaq illi **kienu ghaddew oltre t-tletin gurnata minn meta l-vettura dahlet hawn Malta u dan kif dettat mill-Avviz Legali 6 tal-2012**[5] entro liema r-rikorrenti setghet tapplika ghall-ezenzjoni in kwisjtoni.[6]

Fil-mori tal-proceduri xehed **Philip Bailey,** ir-ragel tar-rikorrenti, fejn stqarr illi l-vettura in kwistjoni, tal-ghamla Vauxhall Vectra, kienu xtrawha hu u martu xi disa' snin qabel mill-Ingilterra. Fl-2006 huma marru jghixu gewwa Franza ghal sitt snin fejn hemmhekk ma hallsu l-ebda taxxi. Sussegwentement fl-2012 iddecidew li jigu jghixu hawn Malta. Huwa jghid li gew Malta f'Lulju tal-2012 u ddecidew li jibqghu jghixu hawn xi sitt jew tmien gimghat wara. **Jistqarr li l-informazzjoni li nghataw minn Transport Malta kienet li kellhom zmien**

[3] Dok A a fol. 5
[4] Dok PB a fol. 54
[5] Regoli tal-2012 li jemendaw ir-Regoli dwar Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur li dahal fis-sehh fis-17 ta' Jannar 2012
[6] Dok A a fol. 5 tal-process

**sitt xhur biex jirregistraw il-vettura pero hadd ma kien infurmahom li kellhom tletin gurnata biex japplikaw ghall-ezenzjoni.**

Ix-xhud **Herald Bonnici**, in rapprezentanza tal-Ministru intimat, xehed illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet sottomessa iktar tard minn tletin gurnata minn meta waslet il-vettura hawn Malta. Jghid illi jekk persuna tasal hawn Malta bil-vettura taghha u jkollha intenzjoni li tapplika ghall-ezenzjoni, allura trid taghmel dan fi zmien tletin gurnata mill-wasla tal-vettura hawn Malta. Mistoqsi mid-difensur tar-rikorrenti jekk dan it-terminu ta’ tletin gurnata allura hux konfliggenti mat-terminu taht ir-Regolament 4 (3) (d) tal-Avviz Legali 6 tal-2012, u cioe li l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni trid tigi pprezentata mhux aktar kmieni minn xaharejn qabel id-data li fiha l-applikant jiehu r-residenza normali tieghu f’Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data, ix-xhud wiegeb li le ghaliex la l-vettura tkun waslet hawn Malta jiskatta t-terminu tat-tletin gurnata biex wiehed japplika ghall-ezenzjoni.

Illi mill-argumentazzjoni li saret waqt il-kawza u kif ukoll min-nota ta’ sottomissjonijiet sottomessa mir-rikorrenti jemergi car illi dak li qieghdha tishaq fuqu r-rikorrenti hu li fir-Regolament 4 (3) tal-Avviz Legali 6 tal-2012 hemm kontradizzjoni li taghmilha impossibli li persuna li tasal Malta bil-vettura taghha tapplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni.

Illi skond ir-rikorrent biex wiehed jinghata l-ezenzjoni in kwistjoni irid jissodisfa l-hames (5) kriterji elenkati fir-Regolament 4 (3) tal-Avviz Legali 6 tal-2012 u cioe:-

*“(3) Biex vettura tkun tista’ tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*

*(a) hija trid tkun ilha reġistrata f’isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta’ mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtata jew miġjuba f’Malta;*

*(b) hija tkun ġiet akkwistata taħt il-kondizzjonijiet ġenerali tat-tassazzjoni li jkunu fis-seħħ fis-suq domestiku tal-Istat li minnu tkun qiegħda tiġi impurtata jew miġjuba f’Malta, u ma tkunx soġġetta għall-fatt li tkun ser tiġi esportata għal xi eżenzjoni minn jew rifużjoni ta’ dazju tas-sisa, taxxa ta’ valur miżjud jew xi taxxa oħra ta’konsum;*

*(ċ) il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-eżenzjoni trid tkun ilha tgħix barra minn Malta għal perjodu kontinwu ta' għallinqas erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha hija ma tibqax ikollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta;*

*(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data; u*

*(e) jekk il-vettura tkun diġà waslet f'Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qiegħda tittrasferixxi r-residenza tagħha fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."*

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-kontradizzjoni sollevata mir-rikorrenti mhix l-interpretazzjoni logika li wiehed ghandu jaghti lir-Regolament 4 (3) tal-Avviz Legali 6 tal-2012. Kieku kien hekk, kif tghid sewwa r-rikorrenti, allura l-ligi tkun qed taghmilha impossibli li persuna li ggib il-vettura taghha minn pajjiz esteru li tapplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Zgur li dan ma kienx il-hsieb tal-legislatur li proprju illegisla biex proprju tinghata din l-ezenzjoni.

Illi l-interpretazzjoni logika hi illi jekk il-vettura tkun waslet Malta allura jiskatta t-terminu ta' tletin gurnata ai termini tar-Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 6 tal-2012. Ir-Regolament 4 (3) (d) japplika biss jekk il-vettura tkun ghadha ma waslitx hawn Malta u allura hemm il-persuna koncernata jkollha terminu itwal meta tista' tissottometti l-applikazzjoni taghha.

Illi min-naha l-ohra it-Tribunal ma jistghax ma jikkummentax dwar in-nuqqas, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal gravi, li wiehed isib fil-formola VEH 07, liema formola isservi bhala applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni u cioe l-fatt li mkien fuq din il-formola, fil-format taghha fiz-zmien in ezami, ma jirrizulta li hemm indikazzjoni dwar it-terminu fatali ta' tletin gurnata mentri wiehed isib referenza kwazi *verbatim* tal-kundizzjonijiet l-ohra kollha elenkati f'Regolament 4 (3) tal-Avviz Legali 6 tal-2012. Illi li kieku dan it-terminu ta' tletin gurnata kien imnizzel kif kienu mnizzlin ir-rekwiziti l-ohra kollha r-rikorrenti kienet tkun f'posizzjoni ferm ahjar biex tevalwa s-sitwazzjoni taghha, anke jekk semmai kien ghadda tali terminu. Ghalhekk dan in-nuqqas se jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Maghdud dan kollu pero`, jibqa' l-fatt li l-applikazzjoni ma saritx *entro* t-terminu stabbilit mil-ligi u dan it-Tribunal ghandu l-kompitu limitat li jezamina jekk il-Ministru intimat *tramite* t-*Transfer of Residence Exemption Board* kienx korrett fl-ezercizzju li ghamel biex wasal ghac-cahda tal-applikazzjoni ghall-ezenzjoni tat-taxxa fuq il-vettura in kwistjoni. Illi dan it-Tribunal ma jsib l-ebda raguni li ghaliha ghandu jirrevoka l-istess decizjoni.

Illi finalment it-Tribunal jaghmel referenza ghad-diversi aggravji b'referenza ghall-moviment liberu tal-Oggetti u Persuni fl-Unjoni Ewropeja, ghar-Regolamenti tax-Schengen, u wkoll ghall-fatt li skond ir-rikorrenti it-taxxa ta' registrazzjoni tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-ligijiet tal-Unjoni Ewropeja, u jirrileva li huwa m'huwiex il-forum kompetenti biex jidhol f'tali kwistjonijiet stante li l-kompetenza tieghu hi biss li "jirrevedi atti amministrattivi" u dan a tenur tal-Artikolu 5 tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva. Kwindi certament dan it-Tribunal ma jistghax jiehu konjizzjoni u jippronunzja ruhu dwar tali lanjanzi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell interpost mir-rikorrenti mid-decizjoni tal-Ministru intimat datata 21 ta' Awissu 2013.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------